**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Ericston Debono, detentur tal-karta tal-identita` numru 514191M**

***Kumpilazzjoni Nru. 116/2015***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Ericston Debono u ċioè talli:

> Nhar it-28 ta' Awwissu, 2014, ġewwa Triq l-Imdina, F'Ħaż-Żebbuġ, għall-ħabta tad-21.45 ta' filgħaxija:
>
> > waqt li kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI 986, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josef Antonelli, kif iċċertifika t-tabib Mark Anthony Biancardi MD mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikolu 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
> >
> > fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI 986 b'manjiera perikoluża u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1A) (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li l-vettura ABI986 kienet ilha registrata fuq Vincent Debono u li l-imputat kellhu licenzja tas-sewqan.[1]

Illi l-kirurgu **Thomas Azzopardi** xehed li peress li l-parte leza kien sofra ksur fil-galletta, fil-patella tax-xellug fejn kellha ssir *fixation* tal-patella, il-griehi klassifikahom bhala gravi.[2] Il-*Case Summary* tieghu jsemmi li kien garrab *"LCW over right kneee with multiple abrasions and left knee dislocated and refuced in A&E"*.[3]Il-kirurgu **Ray Gatt** ezamina lill-parte leza fit-13 t'Ottubru, 2016, u sab li kien qed issofri minn *permanent disability* ta' 10%.[4] Fir-rapport tieghu jispjega li *"Kellu ksur tal-patella tax-xellug u brix fuq l-irkuppa tal-lemin"*.[5]

Illi **Rene Antonelli**, hu l-parte leza, qal li kif wasal fuq il-post sab lil huh mwegga' *"il-mutur kien kontra u l-karozza ftit lil hemm minnu"*.[6] Esebixxa numru ta' ritratti li juru l-hsarat mgarrba mill-mutur fejn jidher li n-naha tal-lemin ta' quddiem tal-mutur kien l-aktar li garrab hsarat; fil-fatt tidher mera mkissra u anke in-number plate maqlugh.[7] Ikkonferma li d-daqqa fuq il-Volkswagen kienet *"mill-bieba ta' wara lura, ghandu l-bumper u ghandu l-fanal imkisser"*[8] u li fuq il-bieba ma kien hemm ebda hsara.[9]

Illi **Josef Antonelli** xehed hekk *"jien kont ghaddej bil-quadbike kont fuq in-naha ta' gewwa....mhux fuq in-naha ta' barra bil-quadbike tieghi, u Mr Debono ghadda minn mieghi u laqatni bil-karozza, laqatni fil-genb tal-mutur u tajjarni .....Fil-genb ta' din in-naha...[r-right]..... Imbaghad tirt u waqajt ma' l-art u kissirt kubtejja"*[10]. Antonelli jghid li kien qed isuq b'xi 45km/h izda ma ftakarx jekk intqalx xi diskors bejnu u l-imputat ghax kien migugh.[11] Dwar

[1] Fol.28
[2] Fol.74
[3] Dok. TA fol.76
[4] Fol.78 et seq.
[5] Fol.80
[6] Fol.58
[7] Dok. RA; Fol.61 u senjatament ritratti numri 8 u 9
[8] Fol.58
[9] Fol.59
[10] Fol.42-23
[11] Fol.43

is-sewqan tal-imputat jghid *"Hu kien ghaddej bl-ispeed, kien ghaddej. Hassejt l-ispeed qed tifhem?.... Kien ghaddej b'sahhtu smajtu gej b'sahhtu minn warajja.... Iva smajtu gej b'sahhtu minn naha ta' barra..... Smajt il-hoss u rajtu ttawwalt mill-mera u rajtu gej bis-sahha mbaghad ma nafx x'gara minni jien naf li hassejtni qed intir fl-arja*[12]*.... bqajt indur fuq in-naha fejn kont ghaddej jiena".*[13] In kontro-ezami jghid li d-daqqa hadha **fil-genb** tal-mutur[14] u dan minkejja li r-ritratti esebiti minn huh juru li d-daqqa kienet bil-**parti ta' quddiem** tal-mutur u partikolarment fuq in-naha tal-**lemin** (tal-mutur).

Il-Qorti tistaqsi: imma jekk semghu gej minn warajh, kif seta' ikun hemm impatt man-naha ta' wara tal-vettura bil-parti ta' quddiem tal-mutur fejn jidher cjar li kienet il-parti lemminija tieghu li soffriet l-ikbar impatt?

Fil-fatt Antonelli jonqos milli jaghti spjegazzjoni *"ma nafx ghaliex taghni daqqa fuq il-genb tieghi ghax jien kont fuq in-naha ta' gewwa.".*[15] Meta quddiem il-Qorti gie kkonfrontat bil-fatt li meta gie mitkellem l-ewwel darba mill-pulizija hu kien qal li l-**imputat kien waqaflu f'daqqa u b'konsegwenza baqa' diehel fih** jghid *"Le nahseb* ***taghni daqqa jew waqaf ezatt ma nafx kif.... Jien nahseb li taghni daqqa".***[16] Ftit sekondi wara jinnega li kien waqaf u dahal fih. Mistqosi jekk setghax jibbrejkja qal *"Le ghax jien kont ghaddej bil-velocita' normali"*.[17]

Il-Qorti ser taghmel xi konsiderazzjonijiet anke f'dan l-istadju:

- Il-fatt li sewwieq ikun ghaddej b'velocita` normali ma jeskludix li xorta wahda jista' jzomm *break,* anzi jekk jinzamm *break* f'tali cirkostanzi vettura tigi mwaqqfa b'mod aktar immedjat!

- Imbaghad hemm fatt iehor inkwetanti; ghaliex jibqa' ma jsemmi xejn minn dak li qal lill-pulizija fuq il-post tal-incident li hu kien gja qabez vettura ohra **– *"qlajt karozza u kien Volkswagen Passat qabli u waqafli f'daqqa u dhalt fih, dan naf minn hu ghax jahdem mieghi"***?[18] Anke l-imputat fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu qal li qabel il-quadbike kienu qed jinstaqu vettura u van (vide anke l-iskizz maghmul mill-imputat fil-kors ta-xhieda tieghu)[19]. Ghal liema raguni l-parte leza, konsegwentement, jaghti xhieda selettiva?

- Fil-fatt mill-**Full Road Traffic Accident Report** jirrizulta li meta mitkellem fuq il-post fejn sehh is-sinistru, Josef Antonelli, il-parte leza, qal *"Kont ghaddej mill-Bypass* ***qlajt karozza u kien***

[12] Fol.44
[13] Fol.45
[14] Fol.42
[15] Fol.46
[16] Ibid
[17] Fol.48
[18] Fol.11
[19] Fol.96

***Volkswagen Passat qabli u waqafli f'daqqa u dhalt fih, dan naf minn hu ghax jahdem mieghi".***[20] Minn naha tieghu l-imputat, li dejjem baqa' jzomm ferm mal-verzjoni hekk kif rakkontata minnu ghall-ewwel darba meta mitkellem mill-pulizija *a tempo vergine*, kien qal: *"kont ghaddej mill-fast lane, dak il-hin kien hemm van u qasam ghan-naha tieghu. Jien ilhaqt ghaddejt, imbaghad mort fuq l-inner lane fejn kien hemm vettura ta' quddiemi li waqfet f'daqqa u ghafast il-brejk u dahlet il-vettura go fi[j]la"*[21]

- Illi fl-istess rapport jinghad *"Il-pulizija tkellemet lil certu Rene Antonelli ....li lahaq gie fuq il-post ma certu Anthony Micallef.... fejn sostnew l-aktar huh Rene` li Josef waqt li kien qieghed mal-art biex jittiehed gewwa l-ambulanza beda jghid li l-**vettura ta' quddiemu waqfitlu f'daqqa**."*[22] Dan ir-rapport gie kkonfermat minn **WPS86 Diane Fenech**[23] *"L-incident sehh skond dejjem kif qal Ericston dan kien qed jaqbez mis-slow lane ghal fast lane u reggha dahal fis-slow lane. Il-vettura li kellu quddiemu slowjat f'daqqa u l-quadbike dahal fih minn naha ta' wara. Meta morna fuq il-post, jiena u PC103 il-persuna li kien qed isuq il-quadbike **Josef Antonelli .... qal l-istess li waqaflu f'daqqa l-persuna ta' quddiemu tal-Volkswagen u baqa' diehel fih minn naha ta' wara.**"*[24]

- Mill-iskizz prezentat mis-surgent jirrizulta li wara d-daqqa, l-mutur ta' Antonelli, spicca fuq il-bankina u jhares fid-direzzjoni opposta, cioe' dik lejn Haz-Zebbug meta l-karregjata kienet fid-direzzjoni tar-Rabat.[25] Dan l-istess skizz, kif anke juru r-ritratti partikolarment dawk numri 5 u 6, juri l-vettura fl-*inner lane*. Kif anke jixhed l-iskizz[26] u r-ritratti esebiti, il-mutur dar dawra ta' tond, bla dubbju forza tal-velocita' li biha kien qed jinstaq il-mutur.

- L-istess skizz u ritratti juru l-vettura ta' Debono pjenament fl-*inner lane* bl-impatt kjarament isehh fuq in-naha tal-lemin tal-parti ta' quddiem tal-quadbike u n-naha ta' wara tal-vettura tal-imputat. Ghaliex Antonelli kien daqshekk qrib tal-vettura ta' Debono meta fi kliemu kien diga ssorpassa vettura ohra (vide xhieda ta' Roberta Camilleri li lemhet lill-parte leza ser johrog minn fuq l-*inner lane*)?

- L-*spot of impact* kien kollu fuq in-naha tax-xellug (LHS) ta' wara tal-Volkswagen. Dan jindika li Antonelli kien qed isuq bejn il-bankina u l-vettura tal-imputat. Li kieku ma kien hemm hadd quddiemu, kif isostni hu, kieku kien ikun qed isuq fin-nofs tal-karregjata tal-*inner*

[20] Fol.11
[21] Fol.13
[22] Fol.15
[23] Fol.38
[24] Fol.37
[25] Dok. DF fol.40
[26] Fol.40

*lane* u mhux fuq ix-xellug taghha kif jirrizulta mill-imsemmija *spot of impact!*

Illi fil-fatt **Roberta Camilleri,** passigiera fil-vettura misjuqa mill-imputat, tixhed *"Konna qed insuqu fuq il-lane ta' barra u* ***kien hemm quadbike ha tohrog mill-lane ta' gewwa ghal-lane ta' barra*** *imma konna vicin wisq lejn il-quadbike u bqajna mixjin. Imbaghad* ***mill-lane ta' barra qbizna ghall-lane ta' gewwa u wara ftit sehhet il-habta.....[*** *ma konniex qed insuqu b'xi mijiet jew hekk imma lanqas b'xi erbghin normali qisu kif ghandek issuq go bypass, la bilmod hafna u lanqas jghaggel hafna."* Tghid li l-velocita` kienet bejn is-60km/h u s-70km/h.[27] In kontro-ezami tikkonferma li *"[il-quadbike dahal fikhom?]....Ezatt...On the left... mhux xi habta qawwija hassejtha jiena qisu just thoss xi hadd jidhol naqra fik."*[28]

Illi ghalhekk hemm qbil bejn Roberta Camilleri, Ericston Debono u Josef Antonelli li kien sehh impatt bejn il-mutur u l-vettura. Dan certament ifisser li Antonelli kien gja ssorpassa iz-zewg vetturi li jissemmew minn Debono fl-istqarrija tieghu. Hu stess isemmi vettura li kien qabizha. Ghaldaqstant ma jaghmilx sens meta jghid li ma kienx ghaddej b'xi velocita`. Camilleri fil-fatt issemmi li il-quadbike kien intlemah jipprova johrog mill-lane ta' gewwa ghal-lane ta' barra! Kif gja inghad ma jridx jigi skartat lanqas dak li qal, *a tempo vergine*, l-parte leza u cioe' li hu **kien gja qabez vettura qabel ma baqa' diehel f'Debono li kien waqqaflu f'daqqa** *"qlajt karozza u kien Volkswagen Passat qabli u waqafli f'daqqa u dhalt fih, dan naf minn hu ghax jahdem mieghi"?*[29]

Illi l-imputat **Ericston Debono** ghazel li jixhed u spjega b'dettal akkurat dak li sehh fil-lejl ta' 28 t'Awissu, 2014: *"kont ghaddej bil-karozza minn Haz-Zebbug dik il-bypass ta' Haz-Zebbug direzzjoni tar-Rabat... kont sejjer ghan-naha tar-Rabat. Issa kont man-naha ta' barra.... kont tiela' lejn ir-Rabat fuq l-outer lane, kont ghaddej u* ***kien hemm tliet vetturi fuq il-lane ta' gewwa li huma l-quad bike, il-karozza u l-vann.*** *Kont ghaddej dritt, bqajt ghaddej, qbizthom....bqajt ghaddej qbizthom it-tliet vetturi, u x'hin insomma kien hemm karozza quddiemi jiena kienet ghadejja veru bilmod...Fuq il-lane tieghi fuq in-naha ta' barra. Iccekjajt li huwa safe biex naqsam,* ***xghelt l-indicator, harist fuq il-mirja, u qsamt.*** *....Mort fuq l-inner lane. Bqajt ghadej ghal certu tul u kien hemm karozza ohra quddiemi li din il-karozza kont ghadej bilmod warajha jiena ghax kelli nnaqqas ovvja. Fid-daqqa u l-hin ghafasli l-break ta' quddiemi u jiena naqqast l-ispeed u dawwart naqra l'barra biex nevita l-collision. Wara certu ma nafx kemm sekondi hassejt impatt fuq il-karozza tieghi."* Jghid li l-vettura li kien hemm quddiemu naqset l-velocita` billi ghafset il-break imbaghad baqghet issuq *"Wara ftit jien ksirt l-isteering biex nevita li nidhol go fih. Wara ftit sekondi hassejt impatt fuq in-naha ta' wara. Ma kontx naf jigifieri x'gara u hekk. Hrigt u mort nicekkja*

[27] Fol.50
[28] Fol.52
[29] Fol.11

*x'gara u sibt lil Antonelli ma' l-art.....Jien kont diga' mbaghad fuq il-karreggata ta' gewwa. X'hin sehh l-impatt kont miexi diga' fiha."*[30]

L-imputat itenni li hu qatt ma seta' dahal fuq Antonelli mill-genb *"ghax kieku anki hemm il-provi, kieku dhalt mill-genb kieku mill-bieba lura ghax mill-genb.... Jien fuq ix-xewka fuq wara, l-fanal".*[31] Dwar il-velocita` li kien qed isuq biha jghid li din kienet wahda normali *"Bejn wiehed u iehor qisu minn 60 sa 70 imma ma kontx cert, ma niftakarx ezatt kemm kont ghadej hux 60 jew 70, imma bhal m'ghidt fis-sens li kieku kont ghadej iktar minn hekk ma kienx ikolli cans inwaqqaf jien u break lines ma kienx hemm."*[32] Debono jkompli li Antonelli qallu li kien ser ipattihielu ghax hadha li ghamillu apposta izda dan jinnegah ghaliex meta wegga' fuq il-post tax-xoghol kien l-parte leza li dewwieh u baqa' grat lejh.

In kontro-ezami l-abbli prosekutur kkonfrontat lill-imputat bil-fatt li fl-istqarrija hu kien qal li kien qed isuq b'xi 80km/h fejn dan ma jinnegax ghalkemm jghid li ma kienx cert. Mitlub jispjega kif hu garrab hsarat fuq in-naha tal-vettura vicin il-bankina jghid *"jien <u>kif dahal ezatt go fi[j]a</u> hu ma rajtx jigifieri jien kif nahsibha li dahal hu nghidlek jien ghax jien naf x'ghamilt jien u kif irreagixxa hu ma nafx. Mela jien kont qieghed ghadej dritt, waqaf ta' quddiemi, jiena ghafast naqra l-break u ksirt naqra, kont ghadni fuq gewwa jigifieri. Issa hu kif fhimtha jien ipprova nahseb jghaddi minn bejn il-bankina, fis-sens l'hawnhekk ma setghax johrog zgur, l'hawnhekk in-naha ta' barra, issa awtomatikament kif nifhimha jien jigifieri, prova jghaddi bejn il-bankina u bejn il-karozza u ghalhekk hadni hawn ara kemm hu veru hawn l-impatt hawnhekk,(if damages were on right but they are on left of bike?) hawnhekk u hawn isfel. Jidher li l-impatt kien fuq wara ghax hawnhekk x'jismu hareg minn hawnhekk u mhux mill-genb."* Mistqosi jekk kienx il-kaz li hu kien qed jaghmel overtaking mill-inner lane u b'hekk laqat lill-parte leza jghid *"nghidlek li le ghax kif rajt mill-mera li hu safe qbizt u bqajt ghadej ghal certu tul, jigifieri ma hadtux mill-genb hekk ghax li kieku mill-provi jigifieri tista' tarhom inti stess. Mhux mill-genb imma fuq wara. Imbaghad hu dahal fiha."*[33]

Ma tistax ma tigix rrimarkata d-differenza bejn il-verzjonijiet tal-parte leza u dik tal-imputat fejn dik tal-ewwel, kuntrarjament ghax-xhieda moghtija minn Debono, hi priva minn dettal dwar is-*surroundings* tieghu, parikolarment x'vetturi kien hemm fit-triq, fejn kienu qed jinstaqu u bl-liema manjiera kienu qed jinstaqu; *surroundings* li kull sewwieq ghandhu obbligu ikun konxxju taghhom galadarba mistenni minnu li jzomm *'a proper look out'.* Mhemmx dubbju ghal Qorti li Antonelli ma kkalkulax id-distanza li kellha tinzamm bejn il-mutur tieghu u l-vettura quddiemu.

Fost konsiderazzjoni li hadet il-Qorti sabiex tiddetermina l-htija o meno tal-imputat kien hemm il-fatt li **a tempo vergine kien hemm qbil li l-imputat kien waqaf f'daqqa u li l-parte leza, li jirrizulta kien qed isuq quad-bike,**

---

[30] Fol.85-86
[31] Fol.87
[32] Fol.88
[33] Fol.91

**dahal go fih**_*"Josef Antonelli .... qal l-istess li waqaflu f'daqqa l-persuna ta' quddiemu tal-Volkswagen u baqa' diehel fih minn naha ta' wara."*[34].

Konsiderazzjoni ohra kienet in-nuqqas ta' certezza murija tul ix-xhieda tal-parte leza. Fi ftit sekondi filli juri incertezza jekk tahx daqqa jew waqafx, hin wara jghid li jahseb li tah daqqa u f'mument iehor jghid li l-imputat tah daqqa.

Bl-ebda mod ghalhekk din il-Qorti ma tista tistrieh fuq tali xhieda fejn fl-ambitu tal-kamp penali l-provi iridu jissodisfaw dak il-grad ta' prova li ma jippermettiex dubbji jew kongetturi! Aktar u aktar meta wiehed iqis dak li xehdet WPS Fenech u l-**Full Road Traffic Accident Report** fejn jintwera bic-cjar li mitkellem fuq l-post tal-incident l-imputat jaghti verzjoni definittiva izda differenti minn dik moghtija quddiem din il-Qorti.

Ghaliex Antonelli kellu jaghti xhieda tant selettiva billi jonqos milli jsemmi, quddiem il-Qorti dak li kien tenna fuq il-post tal-incident u cioe` li hu kien gja qabez vettura ohra qabel ma sehhet il-habta? Jerga' jitfakkar dak li kien stqarr: *"qlajt karozza u kien Volkswagen Passat qabli u waqafli f'daqqa u dhalt fih, dan naf minn hu ghax jahdem mieghi"?*[35]

**Illi ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li Antonelli ma jsemmix li ra lill-imputat jixghel l-indicator. Din hi indikazzjoni li, kif juru r-ritratti esebiti minn hadd ghajr hu l-parte leza kif ukoll mill-iskizz,[36] Debono kien gja qed isuq fuq l-inner lane.**

Sa mill-bidu nett il-verzjoni ta' Debono kienet wahda konsistenti fejn sa mill-istqarrija tieghu mal-Ufficjal Investigattiv kien qal hekk *"Kont ghaddej mill-fast lane, u kien hemm fuq l-inner lane tlett karozzi, li kienu quadbike fuq in-naha ta' wara, karozza quddiem il-quadbike u vann quddiemhom kollha. Jien qbsit lil dawn it-tlett karozzi"*.[37] Ghaliex il-parte leza jonqos milli jaghmel l-icken riferenza ghal dawn il-vetturi li kienu qed jinstaqu quddiemu?

Fil-kors tal-istqarrija tieghu, kontra dak li jaghmel l-parte leza, l-imputat jaghti stampa cara ta' dak li sehh qabel l-incident. Jidhol f'dettal anke dwar it-tul li kien hemm bejn il-vetturi minkejja li kienu ghaddew 4 xhur mid-data tas-sinistru meta ittiehdet l-istqarrija. Il-Qorti ma tistax ma tissottolinejax il-genwinita` tal-imputat meta fl-istess stqarrija, kif kien anke ghamel fuq il-post meta kellmuh il-Pulizija, jghid dan dwar persuna li jahseb kien Rene Antonelli *"qalli biex incaqlaq il-karozza minn hemm...qalli biex incaqlaq il-karozza biex ma nhallihiex fin-nofs. Jien ghamilt hekk, caqlaqtha, imma wara xi nies jien ma nafx min huma, qaluli li ma kienx messni caqlaqtha, u allura jiena ergajt ippruvajt naghmel il-karozza lura fejn kienet.*

---

[34] Fol.37
[35] Fol.11
[36] Fol.40
[37] Fol.7

*Pero meta wasslu l-pulizija fuq il-post, jien ghidtilhom mill-ewwel li kont caqlaqt il-karozza"*[38] kif jigi kkonfermat fir-rapport tal-pulizija.[39]

Il-Qorti tista biss tispekula dwar il-mottiv ghal tali talba da parti ta' hu l-parte leza w ghalhekk galadarba l-provi huma skjaccanti u jimmiltaw versu it-tezi tad-difiza, kwalunkwe kumment ulterjuri ikun superfluwu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** iddikjarat: **[40]**

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"*" (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968])......

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. ... ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi f'decizjoni ohra tal-istess Qorti gie deciz:-

... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...[41].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella[42]** saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu

[38] Fol.8
[39] Fol.15 - *"sostna li kien caqlaq il-vettura tieghu wara l-incident biex ma jaghlaqx it-triq".*
[40] Deciza 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.
[41] **Il-Pulizija vs Joseph Grech**, Deciza 06.06.2003
[42] Qorti ta' l-Appell Kriminali Deciza 14.01.2013

circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'[43]

Illi il-***Kodici Ghat-Traffiku Fit-Triq*** jipprovdi kif gej:

> **158.** Issuqx qrib wisq tal-vettura ta' quddiemek u suq b'velocità hekk li tista' twaqqaf mal-ewwel jekk il-vettura ta' quddiemek taghmel manuvra f'daqqa u tnaqqas il-velocità jew tieqaf. L-unika regola zgura hija li qatt ma zzomm qrib aktar mid-distanza generali biex tieqaf
>
> **159.** Halli d-distanza taz-zewg sekondi bejnek u l-vettura quddiemek f'toroq traffikuzi.
>
> **160.** Ftakar, vetturi kbar u *motorcycles* jehtiegu distanza itwal biex jieqfu minn karozzi.
>
> **161.** Meta tkun wara vettura fi triq fil-berah, halli spazju bizzejjed quddiemek ghal xi vettura li tkun qed taqilghek; meta qed taqilghek vettura ohra, izzidx il-velocità.
>
> **186.** Aghti kull facilità lill-vetturi l-ohra li jkunu jridu jaqilghuk. Halli l-vettura li taqilghek terga' tidhol fil-linja. Qatt ma ghandek taccellera jew tostakola vettura ohra li tkun se taqilghek.
>
> **219**. Irregola l-velocità tieghek biex izzomm f'distanza ta' zewg sekondi 'l boghod wara l-vettura quddiemek. Dan tista' tikalkulah billi tuza arblu jew xi marka ohra fissa bhala punt ta' referenza u biex tghid mija u wiehed u mija u tnejn qabel mal-vettura tieghek tasal sal-punt ta' referenza.
>
> **278.** Qatt m'ghandek issuq b'certa velocità hekk li ma jkollokx hin bizzejjed biex twaqqaf sa tul id-distanza hielsa li tista' tara quddiemek…..
>
> **279.** Inti ghandek
>
> - thalli spazju bizzejjed bejnek u l-vettura ta' quddiemek
>
> halli tkun tista' tieqaf bla periklu jekk tnaqqas mill-veloçità jew twaqqaf. Ir-regola ta' sigurtà hija li qatt m'ghandek tavvicina eqreb minn distanza generali biex tieqaf ((Ara Distanza biex Tieqaf – Skema fuq pag;na 67).
>
> - halli ta' l-anqas distanza ta' zewg sekondi bejnek u bejn il-vettura ta' quddiemek f'toroq fejn it-traffiku jghaddi jgerri….
>
> **281.** Vetturi bil-mutur ma jistghux jieqfu f'daqqa.

Skond din ir-regola 281 vettura li qed tinstaq b'velocita` ta' 32 km/h tinhtieg b'kollox distanza biex tieqaf ta' 12 il-metru (6 metri biex wiehed jahseb u 6 metri ohra biex wiehed jieqaf) filwaqt li velocita` ta' 50km/h tirrikjedi distanza biex tieqaf ta' 23 il-metru (9 metri biex wiehed jahseb u 14 il-metru biex jieqaf). Dan jassumi rilevanza in vista tal-fatt li l-parte leza jikkontendi li kien qed isuq b'velocita` ta' 45km/h.

Fuq dan l-insenjament u wara li gew ezaminati b'reqqa x-xhieda u l-provi prodotti kif ukoll ir-regolamenti tal-***Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq***, il-Qorti hi tal-fehma li Antonelli kien qed isuq b'velocita` li ma taghtux cans jirrejagixxi ghas-*sudden braking* tal-imputat. Kien Antonelli li ma zammx *'a proper lookout'* u wisq inqas ma osservax ir-regoli tat-traffiku dwar id-

[43] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 7.02.2003

distanza li trid tinzamm minn ma vetturi ohra. Kien hu li kien qed isuq b'mod traskurat u mhux l-imputat. Is-semplici fatt li l-mutur dar 360° hu indikattiv tal-velocita` konsiderevoli li kien qed isuq biha l-parte leza. Ghalhekk zgur ma tistax tinstab htija fl-akkuzat dwar l-ewwel imputazzjoni.

Illi mhux eskluz li fil-fatt Debono, kif ammetta fl-istqarrija tieghu, kien qed isuq b'velocita` izjed minn dik permessa f'dik l-akkwata li kienet ta' 70km/h.[44] Madanakollu differenza ta' 10km/h, fejn anke tahrikiet fuq *speed cameras* jippermettu *latitude* ta' 15km/h, ma jwassalx sabiex jinghad li gie soddisfacentement ppruvat li kien hemm sewqan perikoluz da parti tal-imputat.

Il-Qorti thoss li hu opportun tirrileva li l-unika ritratti prezentati f'dawn l-atti kienu dak esebiti mill-imputat u minn Rene Antonelli. Dawn ir-ritratti kienu ta' ghajnuna kbira biex il-Qorti tifhem aktar id-dinamika ta' kif sehh is-sinistru. Il-Qorti tistenna li l-pulizija, galadraba kienet ghazlet li ma taghmilx inkjesta magisterjali minkejja kien hemm persuni li soffrew offizi gravi, minn tal-inqas tassigura ruha li x-xena tigi fotografata minn *scene of crime officers*! Din ghandha certament tkun ir-regola kemm il-darba jkun hemm suspett li twettaq reat.

Jibqa l-oneru fuq il-Pulizija Ezekuttiva li tassigura ruhha li ggib l-ahjar evidenza sabiex tissostanzja akkuzi potenzjali sabiex issir gustizzja mal-akkuzat kif ukoll mal-vittma. Ghalhekk qabel ma jigu istitwiti proceduri fil-konfront ta' persuna, f'kazijiet meta ma tkunx saret inkjesta magisterjali, ma hemm xejn li jostakola lill-pulizija milli tikkonsulta ma' esperti taghha dwar incidenti tat-traffiku sabiex tikkonstata jekk hemmx kaz *prima facie* fil-konfront ta' persuna. Kwalunkwe persuna li thossha aggravata minn decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, f'kaz li dan ma jmexxix l-proċeduri meħtieġa, tista' tirrikorri ghall-proceduri previsti bl-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali. Madanakollu ma jonqos milli jigi osservat li f'dan il-kaz l-Prosekuzzjoni qdiet id-doveri taghha metikulozament – l-evidenza prodotta mill-prosekuzzjoni stess ikkontribwit mhux ftit ghal-ezonerazzjoni tal-imputat minn kull responsabilita` ghas-sinistru.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi kollha imputati lilu.

Fl-ahhar net in vista tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, tordna li din is-sentenza tigi kommunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[44] Fol.15